



Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/949 tat-2 ta' Ġunju 2017 li jistabilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-konfigurazzjoni tal-kodiċi ta' identifikazzjoni għall-bhejjem tal-fart u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 911/2004⁽¹⁾ 1**
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/950 tat-2 ta' Ġunju 2017 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1068/2011 fir-rigward tal-kontenut minimu tal-preparazzjoni ta' endo-1,4-beta-ksilanażi prodotta minn *Aspergillus niger* (CBS 109.713) u endo-1,4-beta-glukanażi prodotta minn *Aspergillus niger* (DSM 18404) bħala addittiv fl-għalf għal tiġieġ imrobbija għall-bajd u għall-ispeċijiet kollha ta' tjur imrobbija għall-bajd (id-detentur tal-awtorizzazzjoni BASF SE)⁽¹⁾ 5**

DEĊIŻJONIJIET

- ★ **Deċiżjoni (UE) 2017/951 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni applikazzjoni ppreżentata mill-Finlandja — FEG/2016/008 FI/Nokia Network Systems 9**

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/949

tat-2 ta' Ġunju 2017

li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-konfigurazzjoni tal-kodiċi ta' identifikazzjoni għall-bhejjem tal-fart u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 911/2004

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2000 li jistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-bhejjem tal-fart u dwar it-tikkettjar tal-laħam taċ-ċanga u tal-prodotti tal-laħam taċ-ċanga u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 820/97 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3)(c) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 1760/2000 jistipula r-regoli dwar l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-bhejjem tal-fart. Sabiex jiġu ttraċċati l-movimenti tal-bhejjem tal-fart, dak ir-Regolament jistipula li l-annimali kollha għandhom jiġu identifikati b'tal-inqas żewġ mezz ta' identifikazzjoni elenkati fl-Anness I tiegħu, li jkollhom l-istess kodiċi ta' identifikazzjoni uniku. Il-mezz ta' identifikazzjoni elenkati f'dak l-Anness jinkludu ċomba tal-widna konvenzjonali u identifikatur elettroniku f'forma ta' ċomba elektronika tal-widna jew bolus ruminali jew transponder injettabbli.
- (2) Ir-Regolament (KE) Nru 1760/2000, kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 653/2014 ⁽²⁾, fih previst ir-regoli dwar il-konfigurazzjoni tal-kodiċi ta' identifikazzjoni li għandha tiġi stabbilita permezz ta' atti ta' implimentazzjoni.
- (3) L-aktar konfigurazzjoni xierqa tal-kodiċi ta' identifikazzjoni għall-annimali bovini, li trid tkun konsistenti mal-istandards stabbiliti mill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (ISO) għall-identifikazzjoni tal-annimali, hija jew il-kodiċi alfa ta' żewġ ittri tal-pajjiż jew il-kodiċi numeriku tal-pajjiż bi tliet ċifri u kodiċi individwali tal-annimali b'massimu ta' 12-il ċifra.
- (4) Barra minn hekk, il-konfigurazzjoni tal-kodiċi ta' identifikazzjoni li għandha tiġi stabbilita f'dan ir-Regolament għandha tiżgura l-funzjonament tas-suq uniku mhux biss għall-bhejjem tal-fart iżda wkoll għall-annimali ovini u kaprini, fejn din il-konfigurazzjoni tal-kodiċi ta' identifikazzjoni tkun meħtieġa skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 21/2004 ⁽³⁾, irrispettivament mill-mezz ta' identifikazzjoni introdotti fl-Istati Membri differenti.

⁽¹⁾ ĠUL 204, 11.8.2000, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 653/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1760/2000 dwar l-identifikazzjoni elettronika tal-annimali bovini u t-tikkettjar taċ-ċanga (ĠU L 189, 27.6.2014, p. 33).

⁽³⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 21/2004 tas-17 ta' Diċembru 2003 li jistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimali ovini u kaprini u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 u d-Direttivi 92/102/KEE u 64/432/KEE (ĠU L 5, 9.1.2004, p. 8).

- (5) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 911/2004 ⁽¹⁾ jistabbilixxi l-forma kodifikata użata biex tidentifika l-Istat Membru tal-orijini flimkien ma' informazzjoni dwar l-annimal individwali li għandha tiġi applikata fuq ċomba tal-widnejn viżibbli. Din l-għamla kkodifikata ta' identifikazzjoni hija l-kodiċi alfa ta' żewġ ittri tal-pajjiż flimkien ma' kodiċi individwali tal-annimali li jikkonsisti f'massimu ta' 12-il ċifra.
- (6) Il-konfigurazzjoni tal-kodiċi ta' identifikazzjoni għall-bhejjem tal-fart għandha tkun tapplika kemm għaċ-ċomb tal-widnejn konvenzjonali kif ukoll għall-identifikaturi elettroniċi, u dawn il-kodiċijiet għandhom ikunu interope-rabbli, u għandhom ikunu jistgħu jiġu skambjati u kapaċi jinqraw b'mod elettroniku fl-Istati Membri kollha. Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 911/2004 għandu jiġi emendat sabiex jirreferi għal dan il-kodiċi ta' identifi-kazzjoni li għandu jiġi stabbilit f'dan ir-Regolament.
- (7) L-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 911/2004 jipprevedi li Spanja, l-Irlanda, l-Italja, il-Portugall u r-Renju Unit jistgħu jżommu s-sistema tagħhom ta' kodiċi alfa-numeriku ta' 12-il ċifra li ssegwi l-kodiċi tal-pajjiż fir-rigward ta' annimali mwielda sal-31 ta' Diċembru 1999 għal Spanja, l-Irlanda, l-Italja u l-Portugall u għar-Renju Unit fir-rigward ta' annimali mwielda sat-30 ta' Ġunju 2000. Billi r-regoli dwar il-konfigurazzjoni tal-kodiċi ta' identifikazzjoni għall-bhejjem tal-fart stabbiliti f'dan ir-Regolament huma maħsuba biex jieħdu post daww stabbiliti fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 911/2004, dan ir-Regolament għandu jipprevedi wkoll dik id-deroga.
- (8) L-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000 jipprevedi li l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu database kompjuterizzata għall-annimali bovini meta l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru jkollha tirreġistra l-kodiċi ta' identifikazzjoni għall-annimali bovini. Barra minn hekk, l-Artikolu 4(4) ta' dak ir-Regolament jistabbilixxi d-data li fiha l-Istati Membri jridu jiżguraw l-operabbiltà sħiħa tal-infrastruttura meħtieġa biex jagħmlu użu ta' identi-fikatur elettroniku bħala mezz uffiċjali ta' identifikazzjoni tal-annimali bovini. Din l-infrastruttura tinkludi d-database kompjuterizzata.
- (9) Sabiex tiġi ffaċilitata tranżizzjoni bla xkiel miċ-ċomb tal-widnejn konvenzjonali għall-identifikaturi elettroniċi, jixraq li jiġu stabbiliti miżuri interim tar-rikodifikar tal-kodiċi ta' identifikazzjoni għall-annimali bovini fid-database kompjuterizzata sakemm tkun żgurata l-operabbiltà sħiħa tal-infrastruttura meħtieġa għall-użu ta' identi-fikatur elettroniku mill-Istati Membri.
- (10) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Is-suġġett u l-kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament jistipula r-regoli dwar il-konfigurazzjoni tal-kodiċi ta' identifikazzjoni għall-annimali bovini kif previst fl-Artikolu 4(3)(c) tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000.

Artikolu 2

Konfigurazzjoni tal-kodiċi ta' identifikazzjoni għall-annimali bovini

Il-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-annimali bovini għandu jintwera fuq il-mezz ta' identifikazzjoni kif ġej:

- (a) l-ewwel element tal-kodiċi ta' identifikazzjoni jeħtieġ li l-kodiċi tal-pajjiż tal-Istat Membru fejn il-mezz ta' identifi-kazzjoni jkun ġie applikat għall-ewwel darba, fil-forma jew ta' kodiċi alfa b'żewġ ittri jew fil-forma ta' kodiċi numeriku bi tliet ċifri, kif elenkat fl-Anness;

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 911/2004 tad-29 ta' April 2004 li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-lametti tal-widnejn, tal-passaporti u tar-reġistri (ĠU L 163, 30.4.2004, p. 65).

- (b) it-tieni element tal-kodiċi ta' identifikazzjoni għandu jkun kodiċi numeriku individwali b'massimu ta' 12-il ċifra; madankollu, l-Irlanda, Spanja, l-Italja, il-Portugall u r-Renju Unit jistgħu jżommu s-sistema ta' kodiċi alfa-numeriku ta' 12-il ċifra u jsegwu l-kodiċi tal-pajjiż fir-rigward ta' annimali mwielda sal-31 ta' Diċembru 1999 għall-Irlanda, għal Spanja, għall-Italja, u għall-Portugall, u għar-Renju Unit fir-rigward ta' annimali mwielda sat-30 ta' Ġunju 2000.

Artikolu 3

Database kkompjuterizzat

L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tista' tirreġistra fid-database kkompjuterizzat għall-annimali bovini kif previst fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000, kodiċi ta' identifikazzjoni fil-forma jew ta' kodiċi alfa b'żewġ ittri jew ta' kodiċi numeriku bi tliet ċifri kif imsemmi fl-Artikolu 2(a) ta' dan ir-Regolament irrispettivament mill-pajjiż li jidher fuq il-mezz ta' identifikazzjoni, sakemm tkun aċċertata t-traċċabilità sħiħa tal-annimal bovin.

Artikolu 4

Emendi għar-Regolament (KE) Nru 911/2004

Ir-Regolament (KE) Nru 911/2004 huwa emendat kif ġej:

- (1) Fl-Artikolu 1, il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

“2. Il-karattri li jiffurmaw il-kodiċi ta' identifikazzjoni fuq iċ-ċomb tal-widnejn għandhom ikunu kif stabbilit fl-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/949 (*).”

(*) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/949 tat-2 ta' Ġunju 2017 li jstabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-konfigurazzjoni tal-kodiċi ta' identifikazzjoni għall-annimali bovini u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 911/2004 (ĠU L 143, 3.6.2017, p. 1).”

- (2) L-Anness I jitħassar.

Artikolu 5

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fl-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Ġunju 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNEX

Il-kodiċi tal-pajjiżi kif imsemmi fl-Artikolu 2:

Stat Membru	Il-kodiċi alfa b'żewġ ittri	Kodiċi numerika bi tliet ċifri
Il-Belġju	BE	056
Il-Bulgarija	BG	100
Ir-Repubblika Ċeka	CZ	203
Id-Danimarka	DK	208
Il-Ġermanja	DE	276
L-Estonja	EE	233
L-Irlanda	IE	372
Il-Greċja	EL	300
Spanja	ES	724
Franza	FR	250
Il-Kroazja	HR	191
L-Italja	IT	380
Ċipru	CY	196
Il-Latvja	LV	428
Il-Litwanja	LT	440
Il-Lussemburgu	LU	442
L-Ungerija	HU	348
Malta	MT	470
In-Netherlands	NL	528
L-Awstrija	AT	040
Il-Polonja	PL	616
Il-Portugall	PT	620
Ir-Rumanija	RO	642
Is-Slovenja	SI	705
Is-Slovakkja	SK	703
Il-Finlandja	FI	246
L-Iżvezja	SE	752
Ir-Renju Unit	UK	826

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/950

tat-2 ta' Ġunju 2017

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1068/2011 fir-rigward tal-kontenut minimu tal-preparazzjoni ta' endo-1,4-beta-ksilanażi prodotta minn *Aspergillus niger* (CBS 109.713) u endo-1,4-beta-glukanażi prodotta minn *Aspergillus niger* (DSM 18404) bħala addittiv fl-għalf għal tiġieġ imrobbija għall-bajd u għall-ispeċijiet kollha ta' tjur imrobbija għall-bajd (id-detentur tal-awtorizzazzjoni BASF SE)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 fuq l-addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 13(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jipprevedi l-awtorizzazzjoni tal-addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali u raġunijiet u l-proċeduri għall-għoti ta' din l-awtorizzazzjoni.
- (2) L-użu tal-preparazzjoni ta' endo-1,4-beta-ksilanażi prodotta minn *Aspergillus niger* (CBS 109.713) u endo-1,4-beta-glukanażi prodotta minn *Aspergillus niger* (DSM 18404) ġie awtorizzat għal għaxar snin għal tiġieġ mrobbija għall-bajd, dundjani għal skopijiet ta' tgħammir, dundjani mrobbija għat-tgħammir, speċijiet minuri ta' tjur oħrajn (għajr il-papri għas-simna) u għasafar ornamentalni permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1068/2011 ⁽²⁾.
- (3) F'konformità mal-Artikolu 13(3) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, id-detentur tal-awtorizzazzjoni ppropoza li jinbidlu t-termini tal-awtorizzazzjoni ta' dik il-preparazzjoni billi jitnaqqas il-kontenut minimu minn 560 TXU/kg għal 280 TXU/kg u minn 250 TGU/kg għal 125 TGU/kg tal-għalf komplet fir-rigward tal-użu għal tiġieġ imrobbija għall-bajd, u għall-ispeċijiet kollha ta' tjur imrobbija għall-bajd. Mal-applikazzjoni ntbagħtet ukoll id-dejta ta' appoġġ rilevanti. Il-Kummissjoni baġtet dik l-applikazzjoni lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità").
- (4) Fl-opinjoni tagħha tal-20 ta' Ottubru 2016 ⁽³⁾, l-Awtorità kkonkludiet li, skont il-kundizzjonijiet tal-użu proposti l-ġodda, il-preparazzjoni ta' endo-1,4-beta-ksilanażi prodotta minn *Aspergillus niger* (CBS 109.713) u endo-1,4-beta-glukanażi prodotta minn *Aspergillus niger* (DSM 18404) għandha l-potenzjal li tkun effikaċi għal tiġieġ mrobbija għall-bajd u għall-ispeċijiet kollha ta' tjur, fid-dożi minimi mitluba ta' 280TXU/kg u 125TGU/kg tal-għalf komplet. L-Awtorità ma tqisx li hemm bżonn ta' rekwiżiti speċifiċi għas-sorveljanza ta' wara t-tqegħid fis-suq. Hija vverifikat ukoll ir-rapport dwar il-metodu tal-analiżi tal-addittiv fl-għalf, fl-għalf li ġie ppreżentat mil-Laboratorju ta' Referenza stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1831/2003.
- (5) Il-valutazzjoni tal-preparazzjoni ta' endo-1,4-beta-ksilanażi prodotta minn *Aspergillus niger* (CBS 109.713) u endo-1,4-beta-glukanażi prodotta minn *Aspergillus niger* (DSM 18404) turi li l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni, kif previst fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, huma ssodisfati.
- (6) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1068/2011 jiġi emendat skont dan.
- (7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1068/2011 jiġi sostitwit bl-Anness ta' dan ir-Regolament.

⁽¹⁾ ĠUL 268, 18.10.2003, p. 29.⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1068/2011 tal-21 ta' Ottubru 2011 dwar l-awtorizzazzjoni ta' preparazzjoni enzimatika ta' endo-1,4-beta-ksilanażi prodotta minn *Aspergillus niger* (CBS 109.713) u endo-1,4-beta-glukanażi prodotta minn *Aspergillus niger* (DSM 18404) bħala addittiv fl-għalf għal tiġieġ imrobbija għall-bajd, dundjani għal skopijiet ta' tgħammir, dundjani mrobbija għat-tgħammir, speċijiet minuri ta' tjur oħrajn (għajr il-papri għas-simna) u għasafar ornamentalni (detentur tal-awtorizzazzjoni BASF SE) (ĠUL 277, 22.10.2011, p. 11).⁽³⁾ Il-Ġurnal tal-EFSA 2016; 14(11): 4626.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Ġunju 2017.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv	Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni	Addittiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku	Speċi jew kategorija tal-annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħrajn	Tmiem il-perjodu tal-awtorizzazzjoni
						Unitajiet ta' attività/kg tal-għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %			

Kategorija tal-addittivi żootekniċi. Grupp funzjonali: sustanzi li jtejbu d-diġestibilità

4a7	BASF SE	Endo-1,4-beta-ksilanażi (KE 3.2.1.8) Endo-1,4-beta-glukanażi (KE 3.2.1.4)	<p><i>Kompożizzjoni tal-addittiv</i></p> <p>Preparazzjoni ta' endo-1,4-beta-ksilanażi prodotta minn <i>Aspergillus niger</i> (CBS 109.713) u endo-1,4-beta-glukanażi prodotta minn <i>Aspergillus niger</i> (DSM 18404) b'attività minima ta':</p> <p>Forma solida: 5600 TXU ⁽¹⁾ u 2500 TGU ⁽²⁾/g</p> <p>Forma likwida: 5 600 TXU u 2 500 TGU/g</p> <p><i>Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva</i></p> <p>endo-1,4-beta-ksilanażi prodotta minn <i>Aspergillus niger</i> (CBS 109.713) u endo-1,4-beta-glukanażi prodotta minn <i>Aspergillus niger</i> (DSM 18404)</p>	<p>Speċijiet minuri ta' tjur għas-simna (għajr il-papri għas-simna) u għasafar ornamental</p> <p>Tiġieġ imrobbija għall-bajd, u l-ispeċijiet minuri ta' tjur għall-bajd:</p> <p>Dundjani għal skopijiet ta' tgħammir, dundjani mrobbija għat-tgħammir:</p>	—	280 TXU 125 TXU	— 280 TXU 125 TXU	<p>1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħażna u l-istabbiltà matul il-proċess tat-tisħin.</p> <p>2. Dożi rakkomandati għal kull kilogramma tal-għalf komplet:</p> <p>— speċijiet minuri ta' tjur għas-simna (għajr il-papri) u għasafar ornamental: 280-840 TXU/125-375 TGU;</p> <p>— tiġieġ imrobbija għall-bajd, u l-ispeċijiet minuri ta' tjur għall-bajd: 280-840 TXU/125-375 TGU;</p> <p>— dundjani għal skopijiet ta' tgħammir, dundjani mrobbija għat-tgħammir: 560-840 TXU/250-375 TGU;</p>	11.11.2021
-----	---------	--	---	--	---	--------------------	-------------------------	--	------------

Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv	Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni	Addittiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku	Speċi jew kategorija tal-animall	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħrajn	Tmiem il-perjodu tal-awtorizzazzjoni
						Unitajiet ta' attività/kg tal-għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %			
			<p><i>Metodu analitiku</i> ⁽³⁾</p> <p>Għall-kwantifikazzjoni ta' attività endo-1,4-beta-ksilanażi:</p> <p>il-metodu viskosimetriku bbażat fuq tnaqqis ta' viskożità prodott b'azzjoni ta' endo-1,4-beta-ksilanażi fuq is-substrat li fih il-ksilan (l-arabinoksilan tal-qamħ) b'pH 3,5 u 55 °C.</p> <p>Għall-kwantifikazzjoni ta' attività endo-1,4-beta-glukanażi:</p> <p>il-metodu viskosimetriku bbażat fuq tnaqqis ta' viskożità prodott b'azzjoni ta' endo-1,4-beta-glukanażi fuq is-substrat li fih il-glukan (il-betaglukan tax-xgħir) b'pH 3,5 u 40 °C.</p>					<p>3. Għall-utenti tal-addittiv u tatlittiet lesti minn qabel, l-operaturi tan-negozju tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operattivi u miżuri organizzattivi sabiex jindirizzaw ir-riskji potenzjali li jirriżultaw mill-użu tiegħu. Meta dawk ir-riskji ma jkunux jistgħu jiġu eliminati jew imnaqqa kemm jista' jkun permezz ta' proċeduri u miżuri bħal dawn, l-addittiv u tatlittiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'taġmir ta' protezzjoni personali, inkluż protezzjoni għan-nifs u protezzjoni għall-ġilda.</p>	

⁽¹⁾ 1 TXU huwa l-ammont ta' enzima li jgħid 5 mikromoli ta' zokkor riduċenti (ekwivalenti ta' ksilożju) mill-arabinoksilan tal-qamħ fil-minuta b'pH 3,5 u 55 °C.

⁽²⁾ 1 TGU huwa l-ammont ta' enzima li jgħid 1 mikromolu ta' zokkor riduċenti (ekwivalenti tal-glukożju) minn β-glukan tax-xgħir fil-minuta b'pH 3,5 u 40 °C.

⁽³⁾ Id-dettalji dwar il-metodi analitiċi jinsabu fl-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza li ġej: <https://ec.europa.eu/jrc/en/eurl/feed-additives/evaluation-reports>

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI (UE) 2017/951 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tas-17 ta' Mejju 2017

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni applikazzjoni ppreżentata mill-Finlandja — FEG/2016/008 FI/Nokia Network Systems

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(4) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-punt 13 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (minn hawn 'il quddiem "FEG") għandu l-iskop li jagħti appoġġ lill-ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja u lill-persuni li kienu jaħdmu għal rashom u kellhom iwaqqfu l-attività tagħhom minħabba bidliet strutturali kbar fix-xejriet tal-kummerċ dinji bħala riżultat tal-globalizzazzjoni, bħala riżultat tal-kontinwazzjoni tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali, jew bħala riżultat ta' kriżi finanzjarja u ekonomika globali ġdida, u li jassistihom fir-riintegrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol.
- (2) Il-FEG ma jridx jaqbeż ammont annwali massimu ta' EUR 150 miljun (prezzijiet tal-2011), kif previst fl-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 ⁽³⁾.
- (3) Fit-22 ta' Novembru 2016, il-Finlandja ppreżentat applikazzjoni għall-mobilizzazzjoni tal-FEG, fir-rigward ta' sensji fis-settur ekonomiku kklassifikat taħt id-Diviżjoni 26 (Manifattura ta' prodotti tal-kompjuter, elettroniċi u ottiċi) tal-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi fil-Komunità Ewropea ("NACE") Reviżjoni 2 fil-Finlandja. Din l-applikazzjoni ġiet issupplimentata b'informazzjoni addizzjonali pprovduta skont l-Artikolu 8(3) tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013. L-applikazzjoni hija konformi mar-rekwiżiti għad-determinazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG kif stabbilit fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013.
- (4) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-FEG jiġi mobilizzat sabiex jagħti kontribuzzjoni finanzjarja li tammonta għal EUR 2 641 800 għall-applikazzjoni ppreżentata mill-Finlandja.
- (5) Sabiex iż-żmien li jittieħed għall-mobilizzazzjoni tal-FEG jitnaqqas kemm jista' jkun, jenħtieġ li din id-deċiżjoni tidħol fis-seħħ mid-data tal-adozzjoni tagħha,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea stabbilit għas-sena finanzjarja 2017, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għandu jiġi mobilizzat biex jipprovi s-somma ta' EUR 2 641 800 f'appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.

⁽¹⁾ ĠUL 347, 20.12.2013, p. 855.

⁽²⁾ ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

⁽³⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-sena 2014-2020 (ĠUL 347, 20.12.2013, p. 884).

Artikolu 2

Din id-deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Din id-deċiżjoni għandha tapplika mis-17 ta' Mejju 2017.

Magħmul fi Strasburgu, is-17 ta' Mejju 2017.

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

A. TAJANI

Għall-Kunsill

Il-President

C. ABELA

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT